REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/286

tas-26 ta' Frar 2018

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) L-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 jelenka l-bastimenti li għandhom jiġu maqbuda, jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun speċifika dan. Huwa jelenka wkoll il-bastimenti li għalihom l-aċċess għall-portijiet fit-territorju tal-Unjoni huwa pprojbit, jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun speċifika dan.

(3) Fis-26 ta' Frar 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/293 ([2]) li tibdel l-istruttura tal-Anness IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 ([3]), liema anness jelenka l-bastimenti li ġew iddeżinjati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.
([2]) Ara l-paġna 50 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

ANNESS

L-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS XIV*

Il-bastimenti msemmija fl-Artikolu 34(2) u l-punt (g) tal-Artikolu 39(1) u l-miżuri applikabbli kif speċifikat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet

A. Bastimenti soġġetti għal qbid

B. Bastimenti pprojbiti milli jidħlu fil-portijiet

1. **Isem: PETREL 8**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 9562233. MMSI: 620233000

2. **Isem: HAO FAN 6**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 8628597. MMSI: 341985000

3. **Isem: TONG SAN 2**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 8937675. MMSI: 445539000

4. **Isem: JIE SHUN**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 8518780. MMSI: 514569000

5. **Isem: BILLIONS NO. 18**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 9191773

6. **Isem: UL JI BONG 6**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 9114556

7. **Isem: RUNG RA 2**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 9020534

8. **Isem: RYE SONG GANG 1**

   Informazzjoni addizzjonali

   OMI: 7389704".